MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Numru 1023/2009

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Spiteri)

vs

Ahmed Taher Gosibat

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 35110A, akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn it-8 u d-9 t’April 2009, f’xi hin bejn 23:00hrs u 02:00hrs, gewwa Triq Mudest Sapiano, San Gwann, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioè diversi hgieg tat-tieqa tal-faccatta tar-residenza Numru 1, li jgib l-isem ‘Windhover’, u li jinsab fi Triq Mudest Sapiano, San Gwann ghad-dannu ta’ Elena Mallia, liema hsara teccedi aktar minn €116.47 izda anqas minn €1164.69.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Din il-kawza titratta hsara allegatament ikkagunata mill-imputat fuq tlett twieqi ta' residenza bl-isem "Windhover" u dan kif irrappurtat certa Elena Mallia.

Issa fis-seduta tal-lum il-parti leza ghalkemm debitament notifikata naqset li tattendi ghall-udjenza; jinghad ukoll li mix-xhieda ta' certu Ronald Cachia hu kien irranga xi bieb li kien gablu certu Patrick Borg u gharaf l-ircevuta a folio 23. Dwar din ir-ricevuta id-data taqra 22 ta' Dicembru 2009 altru d-data tal-allegat reat riportata fic-citazzjoni.

Illi fin-nuqqas ta' dehera ta' l-imsemmija Mallia, l-imputat permezz tal-Avukat tieghu talab l-liberatorja mill-osservanza. Fic-cirkostanzi l-Qorti laqghet it-talba u lliberat lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------